**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta’ Marzu 2021**

**Rikors Numru 9/2020**

**Ilias Fylaktos**

**Vs**

**Ministru tal-Finanzi**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta’ **Ilias Fylaktos** ipprezentat fit-30 ta’ Jannar 2020 li permezz tieghu ppremetta is-segwenti:-

“

1. *Illi dan huwa appell ai termini tal-Artikolu 11A tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta’ Malta minn deċiżjoni tal-Ministeru tal-Finanzi datata id-disgħa (9) ta’ Jannar 2020, kopja ta’ liema qiegħda tiġi hawnekk annessa u mmarkata bħala ‘***Dok IF1***’;*

2. *Illi r-rikorrenti huwa ta’ nazzjonalita’ Griega u emigra għal Malta nhar it-2 t’Ottubru 2019 u dan kif jirriżulta minn kopja tal-biljett tal-ivvjaġġar relattiv hawnekk anness u mmarkat bħala ‘***Dok IF2***’;*

3. *Illi miegħu ġab il-vettura tal-marka Dacia Logan, bin-numru ta’ reġistrazzjoni Griega IOO6329 u għalhekk kien intitolat għal eżenżjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni;*

4. *Illi sussegwentanment, nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Ottubru tas-sena 2019, ir-rikorrenti mar għand l-Awtorita’ ta’ Transport Malta u nhar it- (30) ta’ Ottubru tas-sena 2019, kif rikjest mir-rappreżentanti tal-istess Awtorita’, huwa applika għall-ispezzjoni tal-vettura;*

5. *Illi pertinenti illi jingħad illi r-rappreżentanti tal-Awtorita’ ta’ Transport Malta qalu lir-rikorrenti illi kwalsiasi dewmien illi jista’ jirriżulta mill-ispezzjoni tal-*

*vettura mhuwiex ser jippreġudika lir-rikorrenti biex ikun jista' jintavola l-applikazzjoni tiegħu għal eżenżjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni;*

6. *Illi l-ispezzjoni relattiva kienet lesta nhar il-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena 2019, u dan kif jirriżulta minn kopja tal-formola ta' spezzjoni li qiegħda tiġi hawnekk annessa u mmarkata bħala '***Dok IF3***';*

7. *Illi għalhekk, meta kienet lesta tali spezzjoni kienu diġa għaddew it-tletin ġurnata mill-importazzjoni tal-vettura in kwistjoni ġewwa Malta u għalhekk r-rikorrenti kien gwidat mir-rappreżentanti tal-awtorita' relattiva stess sabiex japplika għall-eżenżjoni in kwistjoni wara li għaddew it-tletin ġurnata mill-jum ta' importazzjoni tal-vettura in kwistjoni;*

8. *Illi pertinenti jingħad ukoll illi r-rikorrenti, minn sempliċi riċerka fuq is-sit tal-Awtorita' ta' Transport Malta, irriżultalu illi "A vehicle is to be declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date;". Kopja ta' din is-silta mis-sit tal-Awtorita' kkonċernata qiegħda tiġi hawnekk annessa u mmarkata bħala '***Dok IF4'***;*

9. *Illi dan naturalment żgwida kompletament lir-rikorrenti illi sussegwentament intavola l-applikazzjoni nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru tas-sena 2019. Kopja tal-konferma relattiva qiegħda tiġi hawnekk annessa u mmarkata bħala '***Dok IF5***';*

10. *Illi nhar id-9 ta' Jannar tas-sena 2020, l-appellat Ministeru għall-Finanzi, ikkomunika id-deċiżjoni tiegħu illi irrifjuta l-applikazzjoni għar-raġunijiet segwenti:*

    *"Following assessment of your application it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4(3)(d) which stipulates that "the vehicle is declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date" and under rule 4(3)(f) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta"*

11. *Illi l-motivazzjoni għal tali rifjut mill-Ministeru tal-Finanzi hija għal kollox errata u għandha tiġi revokata fl-intier tagħha u dan għaliex fl-umli fehma tar-rikorrenti, għalkemm l-applikazzjoni tiegħu kienet daħlet oltre t-tletin ġurnata minn meta huwa importa talli vettura hawn Malta, dan kien biss dovut għal nuqqas ta' informazzjoni vitali u ċara fis-sit tal-istess Awtorita' u mgħotija mir-rappreżentanti tal-istess Awtorita' lir-rikorrenti. Pertinenti jingħad ukoll illi dan l-Onorabbli Trinubal stress irrikonoxxa għal diversi drabi fi kwistjonijiet simili illi tali nuqqas ta' informazzjoni u adirittura informazzjoni żbaljata da parti tal-Awtorita' kkonċernanti tiżgwida lill-applikanti.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u kif ukoll għal dawk ir-raġunijiet kollha li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, ir-rikorrenti jitlob sabiex dan l-Onorabbli*

*Tribunal jogħġbu, filwaqt li jilqa' dan l-appell, jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni ta' l-Ministeru tal-Finanzi tad-9 ta' Jannar 2020, salv provvedimenti u dikjarazzjonijiet oħra li dan it-Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi, inkluż iżda mhux limitatament ordni sabiex l-appellat japprova talba mressaq mir-rikorrenti fl-applikazzjoni tiegħu tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru tas-sena 2019."*

Ra illi l-**Ministeru tal-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji** pprezenta r-risposta tieghu fis-17 ta' Frar 2020 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi l-pretensjonijiet tal-appellant **Ilias Fylaktos** hekk kif spjegati fir-rikors tal-appell tieghu datat 30 ta' Jannar 2020 huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan hekk kif ser jigi muri waqt din il-kawza. Fil-fatt l-applikazzjoni tal-appellant giet rifjutata ghax ma ssodisfatx ir-rekwiziti tal-Artikolu 4(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (**applikazzjoni annessa u mmarkata Dok MF1**).*

*2. Illi l-appellant kellu japplika mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant ha r-residenza normali tieghu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data hekk kif jitlob **l-artikolu 4(3)(d) tal-L.S. 368.01**. Fil-kaz prezenti, Ilias Fylaktos ittrasferixxa r-residenza tieghu ghal Malta fil-5 ta' Settembru 2018 li hija d-data li hemm fuq id-dokument ta' residenza. Tajjeb li jigi osservat hekk kif osserva tajjeb il-Bord ghall-Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni, illi l-appellant nizzel fl-applikazzjoni tieghu illi ttrasferixxa r-residenza tieghu ghal Malta fl-4 ta' Settembru 2017 minkejja li fl-istess applikazzjoni hemm imnizzel li: "transfer of residence" means the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta **<u>with the date being the date of issue of the residence document or the date as declared with the Commissioner for Revenue in the case of Maltese applicants</u>**" (enfasi mizjuda). Naturalment il-Bord mexa mad-data li hemm fuq id-dokument tar-residenza hekk kif titlob il-L.S. 368.01 (**kopja tad-dokument tar-residenza huwa anness u mmarkat Dok MF 2**).*

*3. Illi wkoll, skont id-dati li ddikjara l-applikant stess u hekk kif gew ikkonfermati bid-dokumenti annessi mal-applikazzjoni, il-vettura tieghu waslet Malta fit-2 ta' Ottubru 2019 (**hekk kif jixhed il-kopja tal-biljett tal-katamaran li gie anness mal-applikazzjoni u mmarkat Dok MF3**). Dan juri li l-vettura tieghu waslet Malta wara li huwa kien ga ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta u ghaldaqstant japplika **l-artikolu 4(3)(f)** li jghid li "meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun ghadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta". F'dan il-kaz, Ilias Fylaktos applika fil-25 ta' Novembru 2019 li jigu aktar minn tletin jum mid-data li fiha l-vettura tieghu waslet Malta. Ghalhekk anki fuq dan il-punt l-applikazzjoni tieghu ma setghetx tigi milqugha;*

*4. Illi mhuwiex minnu li l-appellant kellu jistenna li l-vettura tieghu tigi spezzjonata minn Transport Malta sabiex hu jkun jista' japplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni. Huwa kien fil-liberta' li japplika ladarba l-vettura tieghu kienet hawn Malta u kien trasferixxa r-residenza tieghu ghal Malta;*

*5. Illi lanqas ma huwa minnu dak li qal l-appellant f'paragrafu 8 tal-appell tieghu li huwa gie zgwidat meta fuq l-applikazzjoni tieghu huwa sab l-informazzjoni li tghid "A vehicle is to be declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicants become normally resident in Malta and not later than twelve months following the date". Jekk wiehed ikompli jaqra l-informazzjoni li hemm fuq l-applikazzjoni tkompli tghid li: "In addition to the above, where a vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption has to be made by the person transferring the residence within 30 days from the date on which that person has transferred his residence to Malta. In case a person has transferred his residence to Malta and a vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption has to be made by the person transferring his residence within 30 days from the arrival of the vehicle in Malta". Din l-informazzjoni hija cara u kienet responsabbilta' tal-applikant li jaqra l-informazzjoni, jifhimha u jimxi maghha;*

*6. Illi ghalhekk mhuwiex minnu dak li qal l-appellant f'paragrafu 11 tal-appell tieghu meta qal li l-Ministeru ghall-Finanzi ta motivazzjoni errata ghax il-motivazzjoni li ta l-Ministeru permezz tal-ittra li baghat lill-appellant datata 9 ta' Jannar 2020 hija bbazata fuq il-ligi u fuq il-fatti kif ukoll abbazi tal-informazzjoni li ddikjara l-appellant fuq l-applikazzjoni tieghu. Lanqas ma taghmel sens ir-raguni li ta l-appellant fl-appell tieghu meta qal li huwa kellu informazzjoni zbaljata fuq is-sit tal-Awtorita' tat-Transport meta huwa stess ikkwota mill-applikazzjoni li taghti informazzjoni dettaljata u bizzejjed biex twassal lill-appellant biex japplika fit-terminu stipulat bil-ligi;*

*7. Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jichad l-appell ta' Ilias Fylaktos, u jikkonferma d-decizjoni tal-Bord datata 9 ta' Settembru 2020."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2021;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti qieghed jitlob li dan it-Tribunal jirrevedi d-decizjoni notifikata lilu b'ittra mibghuta mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") fi hdan il-Ministeru intimat datata 9 ta' Jannar 2020 permezz ta' liema gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (3) (d) which stipulates that "the vehicle is declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date" and under article 4 (3) (f) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta".*

**Ir-rikorrent**, spjega illi huwa gab il-vettura in kwistjoni hawn Malta fit-2 ta' Ottubru 2019 wara li fis-sajf tal-2018 huwa kien gab il-familja tieghu toqghod hawn Malta. Jispjega li wara xi gimgha li waslet il-vettura huwa mar fl-ufficini ta' Transport Malta ghal spezzjoni. Jghid illi l-ufficjali ta' Transport Malta qalulu li mhux se jkun hemm problemi ghar-registrazzjoni tal-istess vettura. Sussegwentement lejn l-ahhar ta' Novembru/bidu ta' Dicembru huwa mar biex igib il-pjanci u gie infurmat li ried ihallas it-taxxa ta' registrazzjoni. Ghalhekk huwa applika ghall-ezenzjoni, liema applikazzjoni giet rifjutata minhabba kwistjonijiet ta' limitazzjoni ta' zmien.

Ir-rikorrenti spjega illi qabel gab il-vettura in kwistjoni huwa ma kienx fittex dwar ligijiet u regolamenti.

**Michael Zammit Munro,** Cermen tal-Bord, spjega illi r-rikorrent applika ghall-ezenzjoni fil-25 ta' Novembru 2019 u cioe` iktar minn tletin gurnata minn meta l-vettura waslet hawn Malta. Xehed ukoll illi d-data tal-applikazzjoni kienet iktar tard minn tnax-il xahar minn meta l-istess rikorrenti ha r-residenza tieghu hawn Malta, u cioe` Settembru 2018. Ghaldaqstant l-applikazzjoni giet rifjutata.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tar-Regolament 4 (3) (d) u (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Ezenzjoni Mit-Taxxa Tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur):-

***"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-subregola (1):***

***(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data;***

**…**

***(f) meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta u l-vettura tkun għadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tasal Malta."***

Illi minn dak dikjarat fl-applikazzjoni ghall-ezenzjoni jirrizulta s-segwenti, u cioe`:-

1. Illi r-rikorrenti ha r-residenza tieghu hawn Malta fl-4 ta' Settembru 2017;[1]
2. Illi l-vettura in kwistjoni waslet hawn Malta fit-2 ta' Ottubru 2019;[2]
3. Illi saret spezzjoni fuq l-istess vettura fit-30 ta' Ottubru 2019 da parti ta' Transport Malta;[3]
4. Illi l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni giet sottomessa fil-25 ta' Novembru 2019.[4]

Illi r-rikorrent jishaq illi meta mar ghall-ispezzjoni ghand Transport Malta fit-30 ta' Ottubru 2019 dawn qalulu li ma kellux problemi ghar-registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni. Illi t-Tribunal josserva li a differenza ta' kazijiet ohra, senjatament il-kawza fl-ismijiet **Eddie Karel Bal vs Ministeru ghall-Finanzi** deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' Novembru 2018, f'dan il-kaz ma jista' jirriskontra l-ebda gwida hazina min-naha tal-ufficjali ta' Transport Malta. Ma jirrizultax illi r-rikorrenti staqsihom xi haga dwar it-taxxa ta' registrazzjoni dakinhar tal-ispezzjoni, anke ghaliex jirrizulta illi huwa lanqas kien jaf li kellha tithallas tali taxxa. Sar konxju li ried ihallas l-imsemmija taxxa meta mar biex jigbor il-pjanci tal-vettura, u *cioe`*, lejn Novembru 2019. Illi ghalhekk ma jirrizultax illi l-ufficjali ta' Transport Malta taw xi direzzjoni zbaljata. Huwa probabbli li meta l-ufficjali ta' Transport Malta qalu lir-rikorrent li mhux se jkollu problemi kienu qeghdin jirreferu ghar-registrazzjoni tal-vettura wara li kienet saret spezzjoni minnhom.

Illi mill-provi jirrizulta illi meta r-rikorrenti issottometta l-applikazzjoni in kwistjoni, l-vettura kienet ilha hawn Malta oltre tletin gurnata. Kwindi, *siccome`* huwa ddikjara li ha r-residenza tieghu hawn Malta f-2017, huwa ried jissottometti l-istess applikazjoni fi zmien tletin gurnata mit-2 ta' Ottubru 2019. Pero` jirrizulta li dan ma sarx, anke ghaliex huwa ma kellux ideja li kellu jhallas xi taxxa. Kwindi dan it-Tribunal ma jsib xejn zbaljat illi l-Bord irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi tar-Regolament 4 (3) (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

---

[1] Kif jirrizulta minn Dokument MF1 a fol. 25
[2] Dokument IF2 a fol. 7
[3] Dokument IF3 a fol. 9
[4] Dokument IF5 a fol. 18

Abbazi tal-istess provi prodotti, jirrizulta illi kienu lahqu ghaddew iktar minn tnax-il xahar minn meta r-rikorrent ha r-residenza tieghu hawn Malta. Kwindi lanqas Regolament 4 (3) (d) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 ma gie sodisfatt.

Illi jerga' jigi ribadit, illi f'dan il-kaz, it-Tribunal ma rriskontra l-ebda informazzjoni li giet moghtija b'mod zbaljat minn xi entita` jew li kien hemm xi nuqqas ta' informazzjoni. It-Tribunal josserva illi l-Formula VEH 007, *u cioe`* l-formola li permezz taghha wiehed jitlob ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni, telenka l-kriterji kollha li wiehed irid jissodisfa biex tintlaqa' tali applikazzjoni. Din il-formula hija wkoll facilment accessibbli minn fuq is-sit ta' Transport Malta. Sfortunatament jirrizulta illi r-rikorrent ma ghamilx ir-ricerka tieghu qabel gab il-vettura tieghu hawn Malta bir-rizultat li tilef il-beneficcju koncess lil dawk li jissodisfaw il-kriterji tar-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi, billi jichad l-appell fit-termini hawn fuq enuncjati u konsegwentement jilqa' r-risposta tal-Ministeru intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

___________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

_________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**